**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA PRIMARJA 2005**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

| **IS-SITT SENA** | **RELIĠJON** | **ĦIN: SIEGĦA** |
|---|---|---|

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** __________

**A. Qabbel dawn is-sentenzi. L-ewwel waħda hija eżempju.** ***(10 marki)***



| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Ġesù hu l-veru xemx | | u paċi fl-art lill-bnedmin." |
| 2. | Ġesù hu Alla veru | | fil-belt ta' Betlehem. |
| 3. | Omm Ġesù | | u bniedem bħalna. |
| 4. | L-anġli kantaw, "Glorja lil Alla | | l-anġli taw l-aħbar lir-rgħajja. |
| 5. | Ġesù "niżel mis-smewwiet għalina | | deheb, inċens u mirra. |
| 6. | Ġesù twieled f'għar | 1 | li ġġib id-dawl lill-bnedmin. |
| 7. | Malli twieled Ġesù, | | li emmnu f'Ġesù. |
| 8. | Wara li twieled Ġesù, xi maġi | | hi Marija. |
| 9. | Il-Maġi offrew lil Ġesù | | l-bnedmin, u għall-fidwa tagħna." |
| 10. | Il-Maġi kienu l-ewwel nies pagani | | l-Ispirtu s-Santu u sar bniedem". |
| 11. | Ġesù "ħa l-ġisem bis-setgħa ta' | | raw il-kewkba tiegħu fil-Lvant. |

**B. Bħala nsara nemmnu f'Alla. Agħmel sinjal taħt dawk is-sentenzi li jgħidu x'nemmnu bħala nsara dwar Alla tagħna. Ara l-eżempju.** ***(10 marki)***

Eż: <u>Alla tagħna hu wieħed fi tliet persuni</u>

1. Alla tagħna hu qawwi u kbir.
2. Alla tagħna hu spirtu li ma jidhirx.
3. Alla tagħna jrid il-gwerrer.
4. Alla tagħna għamilna uliedu.
5. Alla tagħna jridna nsiru qaddisin.
6. Alla tagħna ma jħalli qatt li aħna nbatu.
7. Alla tagħna jieħu ħsieb il-fjuri u l-għasafar.
8. Alla tagħna jrid li nsiru sinjuri.
9. Alla tagħna hu qaddis.
10. Alla tagħna hu bniedem bħalna.
11. Alla tagħna jħobbna ħafna.
12. Alla tagħna jibgħat it-tempesti fuq il-ħżiena.
13. Alla tagħna jrid li aħna nqimuh u nadurawh.
14. Alla tagħna ħalaq is-sema u l-art.
15. Alla tagħna għaref u jaf kollox.

**Ċ. Agħżel it-tweġiba t-tajba. Ara l-eżempju fl-ewwel sentenza.** ***(10 marki)***

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Il-Knisja ta' Kristu hi | a | l-għaqda tal-pajjiżi tad-dinja. | ☐ |
| | | b | il-parroċċa tar-raħal tagħna. | ☐ |
| | | ċ | l-familja ta' Alla fuq l-art. | ✓ |
| 2. | Il-Knisja hi Kattolika | a | għax tiġbor fiha l-bnedmin kollha. | ☐ |
| | | b | għax hi kbira u sabiħa. | ☐ |
| | | ċ | għax qatt ma tispiċċa. | ☐ |
| 3. | Il-Knisja hi Appostolika | a | għax fiha tnax-il kolonna jew pilastru. | ☐ |
| | | b | għax fiha nsibu statwi ta' l-Appostli. | ☐ |
| | | ċ | għax mibnija fuq it-tagħlim ta' l-Appostli. | ☐ |
| 4. | Il-Knisja hi Qaddisa | a | għax fiha l-altari tal-qaddisin. | ☐ |
| | | b | għax tagħmel il-festi tal-qaddisin. | ☐ |
| | | ċ | għax iħarisha l-Ispirtu s-Santu. | ☐ |
| 5. | Il-Knisja hi waħda | a | għax magħquda taħt ragħaj wieħed. | ☐ |
| | | b | għax ma tistax tinbena knisja oħra. | ☐ |
| | | ċ | għax antika ħafna. | ☐ |
| 6. | Il-ħidma tal-Appostli | a | llum issir mill-parlamentari. | ☐ |
| | | b | llum issir mis-sindki. | ☐ |
| | | ċ | llum issir mill-isqfijiet. | ☐ |
| 7. | L-ewwel Papa kien | a | Ġesù. | ☐ |
| | | b | San Pietru. | ☐ |
| | | ċ | San Pawl. | ☐ |
| 8. | L-Appostli li għażel Ġesu' | a | kienu tnax. | ☐ |
| | | b | kienu għaxra. | ☐ |
| | | ċ | kienu tlieta. | ☐ |
| 9. | Il-Papa jmexxi l-Knisja | a | minn Brussels. | ☐ |
| | | b | mill-Vatikan. | ☐ |
| | | ċ | minn New York. | ☐ |
| 10. | Nagħmlu ġimgħa ta' talb għall-għaqda fil-Knisja | a | f'Novembru. | ☐ |
| | | b | f'Ottubru. | ☐ |
| | | ċ | f'Jannar. | ☐ |
| 11. | Lil dawk li m'humiex Insara bħalna | a | rridu nirrispettawhom. | ☐ |
| | | b | ma nkellmuhomx. | ☐ |
| | | ċ | naħarbu minnhom. | ☐ |

**D. Wieġeb fi kliemek u fil-qosor dawn il-mistoqsijiet dwar is-Sena tal-Knisja.**
***(10 marki)***

1. Meta tibda s-Sena tal-Knisja? ______________________________
2. Kemm hu twil ir-Randan? ______________________________
3. X'għandna nagħmlu fir-Randan? ______________________________
4. X'infakkru fil-festa ta' Lapsi? ______________________________
5. X'infakkru fil-festa ta' l-Għid il-Ħamsin? ______________________________
6. Meta nagħmlu l-festa ta' l-Epifanija f'Malta? ______________________________
7. Meta nagħmlu l-festa tal-Bambina? ______________________________
8. Meta nagħmlu l-festa ta' Santa Marija?______________________________
9. Meta nagħmlu l-festa tal-Qaddisin kollha? ______________________________
10. Meta nagħmlu l-festa tal-Milied? ______________________________

**E. Kompli dawn is-sentenzi** ***(10 marki)***

1. Fl-Avvent is-saċerdot jilbes ilbies ta' kulur ____________ waqt il-quddiesa.
2. Fir-Randan is-saċerdot jilbes ilbies ta' kulur ____________ waqt il-quddiesa.
3. Fil-Milied is-saċerdot jilbes ilbies ta' kulur ____________ waqt il-quddiesa.
4. Fl-Għid il-Kbir, is-saċerdot jilbes ilbies ta' kulur ____________ waqt il-quddiesa.
5. Matul is-sena, is-saċerdot jilbes ilbies ta' kulur ____________ waqt il-quddiesa.
6. Fil-Milied infakkru ______________________________

   ______________________________ .
7. Fil-festa tal-Bambina nfakkru ______________________________

   ______________________________ .
8. F' Santa Marija nfakkru ______________________________

   ______________________________ .
9. Ġesù hu l-aktar persuna importanti għax ______________________________

   ______________________________ .
10. Fis-sagramenti, u l-aktar fil-quddiesa, Ġesù ______________________________

    ______________________________ .

**F. Ikteb sentenza biex turi li taf xi jfissru dawn il-kliem. Ara l-eżempju.** ***(10 marki)***

Eż: **Missal:** *Il-ktieb li juża s-saċerdot waqt il-quddiesa nsejħulu Missal.*

1. Bibbja: ______________________________________________

______________________________________________

2. Sinagoga: ______________________________________________

______________________________________________

3. Missjunarju: ______________________________________________

______________________________________________

4. Ċelebrazzjoni: ______________________________________________

______________________________________________

5. Trinità Qaddisa: ______________________________________________

______________________________________________

**Ġ. Ikteb sentenza biex turi li taf min kienu dawn il-bnedmin qaddisa. Ara sew l-eżempju.** ***(10 marki)***

Eż: **Ġob:** *Ġob kien jaħseb li Alla m'għamilx kollox sewwa imma, wara li kellmu minn tempesta, fehem kemm Alla hu verament għaref u qawwi.*

1. Ġwanni l-Battista: ______________________________________________

______________________________________________

2. Santa Eliżabetta: ______________________________________________

______________________________________________

3. Isaija: ______________________________________________

______________________________________________

4. San Ġużepp: ______________________________________________

______________________________________________

5. San Pietru: ______________________________________________

______________________________________________

**G. X'għandek tagħmel bħala nisrani / nisranija? L-ewwel waħda hija eżempju.**

***(10 marki)***



1. Nhar ta' Ħadd. *Nhar ta' Ħadd immur nisma' quddiesa u nitlob aktar.*
2. Meta ssib xi ħaġa li m'hix tiegħek,. ____________________

____________________
3. Meta tinduna li xi ħadd fil-klassi hu fqir. ____________________

____________________
4. Meta ħabib jew ħabiba tiegħek tkun l-isptar. ____________________

____________________
5. Meta tirbaħ fil-logħob jew tgħaddi minn eżami. ____________________

____________________
6. Meta ommok titolbok taqdiha. ____________________

____________________
7. Qabel titla' titqarben. ____________________

____________________
8. Qabel tmur tqerr. ____________________

____________________
9. Qabel tiekol. ____________________

____________________
10. Qabel torqod. ____________________

____________________
11. Waqt it-talb. ____________________

____________________

**GĦ. Kompli dawn is-sentenzi meħudin mit-talb. Ara l-eżempju.** ***(10 marki)***



Eż: Fl-isem tal-Missier *u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, Amen.*

1. Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, ____________________

2. Ħobżna ta' kuljum agħtina llum, afrilna dnubietna ____________________

3. Sliem għalik, Marija, bil-grazzja mimlija, il-Mulej miegħek, ____________________

4. Qaddisa Marija Omm Alla, itlob għalina ____________________

5. Glorja lill-Missier ____________________

6. Kif kien mill-bidu, issa u dejjem____________________

7. L-Anġlu t'Alla ħabbar lil Marija ____________________

8. Hawn jien qaddejja tal-Mulej, ____________________

9. U l-Iben t'Alla sar bniedem ____________________

10. Agħtihom, Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem, ____________________

**H. Ikteb għaxar sentenzi dwar il-magħmudija. Dawn il-kliem u l-istampi jistgħu jgħinuk.** ***(10 marki)***

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *Ninbidlu,* | *isem,* | *tberik tal-ilma,* | *libsa bajda,* | *parrini,* |
| *xemgħa,* | *fidi,* | *l-Ispirtu s-Santu,* | *Familja t'Alla,* | *ċaħda tal-ħażen.* |







